MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 400/1990/3

**Markiza Beatrice Cremona Barbaro of St. George bhala mandatarja ta' bintha assenti Dottoressa Anne Abrahams u b'nota tas-26 ta' Frar, 2001 l-Professur John J. Cremona fil-kapacita` tieghu ta' mandatarju specjali ta' bintu Dottor Anne Abrahams assuma l-atti tal-kawza minflok il-Markiza Beatrice Cremona Barbaro of St. George li mietet fil-mori tal-kawza**

**v.**

**Joseph u Cecilia konjugi Vella Galea**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment dwar l-eccezzjoni sollevata mill-appellat fir-rigward tar-rikors ta' appell tal-appellanti Vella Galea. L-appellat jikkontendi li l-appell tal-konvenuti gie presentat fuori termine. Ghall-ahjar intendiment ta' din is-sentenza, tajjeb li jigi elenkat kronoligikament x'gara.

i. Fit-8 ta' April, 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Civili tat sentenza parzjali li biha cahdet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti. Din l-eccezzjoni kienet fis-sens li l-azzjoni attrici kienet preskritta bil-preskrizzjoni decennali. F'dik l-istess udjenza (cioe` tat-8 ta' April, 2002), dik il-Qorti ddifferiet il-kawza ghall-kontinwazzjoni ghall-31 ta' Mejju, 2002.

ii. Fit-12 ta' April, 2002 il-konvenuti pprezentaw rikors quddiem dik il-Qorti fejn talbu li jigu awtorizzati jappellaw minn dik is-sentenza parzjali. B'digriet tad-29 ta' April, 2002 dik il-Qorti ordnat in-notifika tal-kontro-parti u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta' Mejju, 2002.

iii. Fl-10 ta' Mejju, 2002, wara li ssejhet il-kawza u dehru l-partijiet, l-attur informa lill-Qorti li hu kien ghadu ma giex notifikat bir-rikors tal-parti l-ohra (u dan minkejja li hemm riferta datata 7 ta' Mejju, 2002 li tghid li l-"Markiza Beatrice Cremona Barbaro" kienet giet notifikata bil-posta fl-4 ta' Mejju, 2002 – mill-atti ma jirrizultax li fl-10 ta' Mejju, 2002 il-konjugi Vella Galea b'xi mod insistew li fil-fatt kien hemm notifika valida). Il-Qorti ddifferiet il-kawza ghall-20 ta' Mejju, 2002 "ghan-notifika…u okkorrendo ghat-trattazzjoni [tar-rikors]".

iv. Fl-20 ta' Mejju, 2002 l-attur intimat ta ruhu b'notifikat bir-rikors, u l-Qorti regghet halliet l-istess rikors "ghat-trattazzjoni u kull provvediment opportun" ghad-29 ta' Mejju, 2002. Fid-29 ta' Mejju, 2002 dehru biss il-konvenuti u d-difensur taghhom. Il-verbal ta' l-udjenza jkompli hekk: *"Il-Qorti, wara li hadet konjizzjoni tar-rikors tal-konvenuti u billi jkun opportun illi l-kwistjoni deciza fit-8 ta' April, 2002 tigi dokumentata* [**sic!**] *finalment f'dan l-istadju. Tilqa' t-talba maghmula fit-12 ta' April, 2002."*

v. Ir-rikors ta’ appell gie ppresentat fis-17 ta’ Gunju, 2002, cioe` sebghin jum wara li kienet inghatat is-sentenza parzjali, izda dsatax-il gurnata mid-data li fiha r-rikors ghall-awtorizzazzjoni ghall-appell gie dekretat, ossia dsatax-il gurnata minn meta nghata l-permess tal-ewwel Qorti.

L-attur appellat jikkontendi li dana l-appell huwa fuori termine peress li l-Artikolu 226(1) tal-Kap. 12 jipprovdi li appell ghandu jigi presentat fi zmien ghoxrin jum mid-data tas-sentenza. Il-konvenuti appellanti, min-naha taghhom, jikkontendu li dawn l-ghoxrin jum ghandhom jibdew jiddekorru mid-data li fiha jinghata l-permess specjali skond il-proviso tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 231 ta’ l-istess Kap. 12.

Mir-ricerka li ghamlet din il-Qorti ma jirrizultax li dana l-punt qatt gie deciz minn dina l-Qorti. Fin-nota taghhom tat-2 ta’ Dicembru, 2003 – nota li suppost li kellha tigi presentat mhux aktar tard mit-28 ta’ Novembru, 2003 – il-konvenuti appellati jaghmlu referenza ghal tlett sentenzi ta’ din il-Qorti[1], izda dawn ma jindirizzawx il-kwistjoni ta’ minn meta ghandhom jibdew jiddekorru l-ghoxrin jum ghall-presentata tar-rikors ta’ appell. Dawn is-sentenzi affermaw biss il-htiega li f’kaz ta’ sentenza in parte, in-nuqqas tal-permess ta’ l-ewwel Qorti (skond l-imsemmi proviso) kien fatali ghar-rikors ta’ appell.

Ma hemmx dubbju li l-iskop tal-legislatur meta ssostitwixxa, fl-1995 bl-Att XXIV ta’ dik is-sena, l-Artikolu 231 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili kif kien precedentement bl-artikolu kif inhu llum, kien li jillimita l-ispezzettar tal-kawzi b’appelli interposti minn kull wahda mis-sentenzi in parte li tista’ maz-zmien tinghata, bil-konsegwenti dewmien sa ma l-kawza kollha kemm hi tigi determinata, ghall-anqas fl-ewwel grad. In fatti, kif kien dana l-artikolu qabel ma gie sostitwit bl-Artikolu 114 tal-imsemmi Att, kien hemm il-possibilita` fid-diskrezzjoni

[1] ***Anne McKenna Mintoff pro noe v. Constantino Caruana et*** 13/10/1998; ***Vincent Curmi et v. Carmelo Attard et*** 16/11/1998; u ***Ivan Ebejer v. J. Lautier Co. Limited*** 6/12/2002.

assoluta tal-parti sokkombenti li jew tappella minn wahda jew aktar mid-diversi sentenzi “wara li tinghata l-ahhar sentenza” jew li tappella minn kull sentenza separatament hekk kif din tinghata. Bid-disposizzjoni l-gdida l-legislatur ma nehhiex ghal kollox id-dritt tal-parti sokkombenti milli tappella minn sentenza in parte, izda ghamilha kundizzjonata ghall-otteniment tal-permess tal-Qorti li tkun ippronunzjat dik is-sentenza in parte. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, kull interpretazzjoni li talvolta tista’ tkun mehtiega fir-rigward ta’ l-Artikolu 231 ghandha tkun wahda restrittiva, u cioe` li tirrispekkja l-intenzjoni tal-legislatur li jargina z-zminijiet fl-interess tal-ispeditezza tal-kawzi.

Issa, il-legislatur naqas milli jispecifika fl-Artikolu 231 sia t-terminu ghall-appell u sia minn meta t-terminu talvolta applikabbli ghandu jibda jiddekorri fil-kaz ta’ sentenza in parte. Filwaqt li fil-kaz ta’ appell minn digrieti il-legislatur kien specifiku sia dwar it-terminu kif ukoll dwar minn meta jibda jiddekorri – ara s-suabrtikoli (6) u (10) tal-Artikolu 229 – il-legislatur baqa’ sieket fir-rigward ta’ sentenzi in parte. Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, tapplika d-disposizzjoni tal-Artkolu 226(1) tal-Kap. 12, li hija disposizzjoni li ma tiddistingwix bejn sentenza finali jew sentenza in parte. Din tipprovdi li *“L-appell isir b’rikors li jigi presentat fir-registru tal-Qorti ta’ l-Appell fi zmien ghoxrin jum mid-data tas-sentenza”.* Il-partijiet fil-kaz in dizamina jaqblu li t-terminu hu ta’ ghoxrin jum; dak li ma jaqblux dwaru hu, kif inghad, minn meta dan it-terminu jibda jiddekorri.

Din il-Qorti hi tal-fehma li, tenut kont tal-intenzjoni tal-legislatur li jargina z-zminijiet kif aktar ‘l fuq imfisser kif ukoll tal-kliem car tal-ligi, ma tistax u m’ghandhiex tinterpreta l-kliem “mid-data tas-sentenza” bhala li jfissru, fil-kaz ta’ sentenza in parte, “mid-data li fiha jinghata l-permess”. Kieku kellha taghmel hekk, tkun qed tiftah il-bieb ghall-possibilita` ta’ abbuz da parti ta’ min ikun irid itawwal iz-zminijiet. Huwa veru li fil-kaz *de quo* kienet l-ewwel Qorti stess li injorat iz-zmien ta’ ghoxrin jum mid-data tas-sentenza meta, permezz tad-digriet tad-29 ta’ April, 2002 iddifferiet ir-rikors ghat-trattazzjoni ghall-10 ta’ Mejju, 2002, jigifieri ghal jumejn wara li jkun skada t-

terminu ta’ ghoxrin gurnata mid-data tas-sentenza; pero` kien jinkombi fuq il-konvenuti appellanti li, jew fl-istess rikors li bih talbu l-permess ghall-appell jew in segwitu ghad-digriet imsemmi, jigbdu l-attenzjoni tal-Prim Awla ghad-disposizzjoni tal-Artikolu 226(1), disposizzjoni li evidentement sfuggiet lill-ewwel Qorti.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-pregudizzjali sollevata mill-attur appellat dwar l-irritwalita` tar-rikors ta’ appell; konsegwentement tiddkjara l-appell irritu u null, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tieghu kif ukoll ta’ l-appell incidentali peress li f’dan il-kaz ma tapplikax id-disposizzjoni tal-Artikolu 241 tal-Kap. 12. Fic-cirkostanzi, specjalment minhabba n-novita` tal-punt deciz, l-ispejjez ta’ dan l-incident ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti tordna li l-atti jigu minnufih rinvjati lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex din tkompli tisma’ l-kawza skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------